MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 336/2005

**Fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju numru 494/05 maħruġ fil-21 ta' Marzu, 2005, fl-ismijiet:**

**Therese MANĠION GALEA**

**vs**

**Desmond Stanley STEWART**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mir-rikorrent Desmond Stanley Stewart fit-13 ta' April, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmijin, talab li din il-Qorti tħassar għal kollox jew f'biċċa minnu l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi maħruġ kontra tiegħu mill-intimata eżekutanti Manġion Galea; u li, fin-nuqqas, tordna lill-imsemmija

intimata eżekutanti ġġib garanzija xierqa a tenur tal-artikolu 838A tal-istess Kodiċi fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissa biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u tad-danni, u, fin-nuqqas li tagħmel dan, li l-Qorti tordna t-tħassir tal-istess Mandat;

Rat id-Degriet tagħha tal-15 ta' April, 2005, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tas-27 ta' April, 2005;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-istess intimata eżekutanti fit-8 ta' Ġunju, 2005, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija seħqet li t-talbiet tar-rikorrent eżekutat għandhom jiġu miċħuda;

Rat id-dokumenti mressqa mir-rikorrent waqt l-għoti tax-xhieda tiegħu fis-smigħ;

Rat in-Nota Spjegattiva mressqa mill-istess rikorrent fis-16 ta' Ġunju, 2005, flimkien ma' dokumenti mehmużin magħha;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-partijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrent qiegħed jipprova jneħħi minn fuqu għal kollox, jew imqar f'biċċa minnu, l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li l-intimata ħarġet kontrih fil-21 ta' Marzu, 2005[1]. Il-Mandat inħareġ kontra r-rikorrent dak inhar li l-intimata ressqet il-kontro-talba tagħha fl-Att taċ-Ċitazzjoni[2] mibdija kontriha mill-istess rikorrent. Il-kreditu msemmi fil-Mandat huwa ta' tmintax-il elf mitejn u erbgħin lira Maltija (Lm 18,240). Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, b'Degriet mogħti fil-21 ta' Marzu, 2005;

[1] Dok f'paġġ. 18-9 tal-proċess
[2] Ċitazz. Nru. 510/04JRM

Illi r-rikorrent eżekutat iqis li l-imsemmi Mandat ma kellux għalfejn jinħareġ u li l-intimata għażlet li tressaq it-talba għall-ħruġ tiegħu bil-ħsieb biss li iddejqu u tagħmillu ħsara għal xejn wara li relazzjoni li kellhom bejniethom intemmet fuq nota ħażina;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrent bħala dawk li għalihom hija qiegħed jitlob ir-rimedji msemmijin fir-rikors tiegħu huma: (a) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex fil-fatt teżisti[3]; (b) li l-ammont imsemmi bħala kreditu fil-Mandat m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew huwa eċċessiv[4]; u (ċ) minħabba li fiċ-ċirkostanzi ma huwiex raġonevoli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ[5];

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll li l-intimata eżekutanti tiġi ordnata tagħti garanzija xierqa[6], fiż-żmien li l-Qorti tagħtiha, biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u għad-danni u l-imgħax li 'l quddiem hija tista' tiġi kundannata tħallas lir-rikorrent eżekutat;

Illi, għat-talbiet tar-rikorrent, l-intimata eżekutanti tilqa' billi tgħid li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni li għaliha jista' jintlaqa' dak mitlub mir-rikorrenti, u żżid tinsisti li l-Mandat inħareġ biex iħares il-pretensjonijiet leġittimi tagħha kif imsawrin fil-kontro-talba tagħha għall-azzjoni mibdija mir-rikorrent f'Att taċ-Ċitazzjoni maħruġa kontriha, u dan minbarra l-fatt li r-rikorrent m'għandu l-ebda ġid ieħor f'Malta u li huwa mhux ċittadin Malti;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[7]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet, liema eżerċizzju huwa mħolli meta din il-

[3] Art. 836(1)(b) tal-Kap 12
[4] Art 836(1)(d) tal-Kap 12
[5] Art 836(1)(f) tal-Kap 12
[6] Art 838A tal-Kap 12
[7] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

Qorti tisma' l-kawża u l-azzjoni rikonvenzjonali fil-waqt xieraq;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li r-rikorrent jgħix Malta iżda għandu nazzjonalita' britannika. Huwa jirfċievi pensjoni ta' inkapaċita' minn Dipartiment (*Department for Work and Pensions*) fir-Renju Unit[8]. Il-ħlas tal-imsemmija pensjoni tidħol f'kont bankarju f'Malta (denominazzjoni ta' Lira Maltija) intestat f'isem ir-rikorrent, bis-saħħa ta' *standing order* li bih l-imsemmi kont jiġi akkreditat kull erba' ġimgħat. Il-Mandat kien notifikat lil għadd ta' sekwestratarji, kollha kemm huma istituzzjonijiet finanzjarji. Ir-rikorrent wera li huwa għandu f'ismu kont bankarju ieħor ta' għamla fissa[9] f'Malta. Minbarra dan ma ntwera li r-rikorrent għandu l-ebda ġid ieħor f'ismu f'Malta;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u li, kif ingħad qabel, ir-rikorrent qiegħed jibnihom fuq kawżali speċifiċi tal-liġi. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[10];

Illi r-rikorrenti jsemmi tliet kawżali li dwarhom jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa:

A) <u>Li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex fil-fatt teżisti</u> ġArt. 836(1)(b)ħ. Il-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li ssir kawża li

[8] Dok "DSS1", f'paġ. 12 tal-proċess
[9] Dok f'paġ. 17 tal-proċess
[10] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Hili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta’ dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta’ tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f’dawn l-atti, jidher li r-rikorrent qiegħed isejjes l-ilment tiegħu fuq il-fatt li l-Mandat ma messux inħareġ jew ġie eżegwit fuq dak il-kont bankarju li fih qiegħed jiġi akkreditat l-ammont ta’ pensjoni li huwa qiegħed jirċievi minn barra l-pajjiż. Bir-rispett kollu, dik ir-raġuni ma tistax issejjes kif imiss il-kawżali taħt l-artikolu 836(1)(b). Fi kliem dik id-dispożizzjoni, ir-raġuni li għaliha mandat kawtelatorju jitneħħa, kollu jew f’biċċa minnu, biss jekk ikun hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi bejn il-waqt li jkun inħareġ il-Mandat u ż-żmien meta ssir it-talba għat-tħassir tiegħu. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tifhem li l-kawżali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li mandat ikun inħareġ sewwa u, f’xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-Mandat jibqa’ fis-seħħ[11]. F’dan il-każ, bl-ebda mod ma ntwera li kien hemm xi bidla fiċ-ċirkostanzi. Għall-kuntrarju, l-argument tar-rikorrent jimplika li qatt ma messu nħareġ il-Mandat fuq il-kont fejn ġiet sekwestrata l-pensjoni tiegħu;

Illi, għalhekk, il-Qorti ma ssibx li tista’ tilqa’ t-talba tar-rikorrent fuq din il-kawżali;

B) <u>Li l-ammont mitlub m’huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> ġArt. 836(1)(d)ħ. Ir-rikorrent jibni l-ilment tiegħu dwar din il-kawżali billi jgħid li l-ammont ta’ serviġi li l-intimata tippretendi fil-kontro-talba li għandha jedd għalihom mingħand l-istess rikorrent huwa wieħed inverosimili meta titqies l-għamla ta’ relazzjoni li kellhom bejniethom u meta wieħed iqis ukoll it-tul taż-żmien li damet dik ir-relazzjoni;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta’ Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi

[11] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet *Avukat Tonio Fenech noe vs Avukat Patrick Spiteri pro et noe*

fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[12]. Minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata eżekutanti għandha, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta' ħlas . Min-naħa l-oħra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu jew le li l-ammont pretiż huwa mistħoqq jew li huwa għoli wisq, tkun qegħda tiddeċiedi l-qofol tal-mertu tal-kontro-talba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din. Jerġa' jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta' dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru;

Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir[13] jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat. Ir-rikorrent jgħid li ma jista' qatt ikun li l-intimata ikollha raġonevolment jedd għall-ħlas ta' disat elef lira fis-sena ta' serviġi prestati lilu. Diġa' ngħad li konsiderazzjoni bħal din trid issir meta jitqies il-każ fil-mertu u mhux fi proċedura bħal din. Huwa minnu li, mill-provi li tressqu dwar l-ammont ta' dħul li r-rikorrent għandu fuq medda ta' sena mill-pensjoni tiegħu, l-ammont ta' ħlas pretiż mill-intimata jidher li jisboq dak id-dħul. Min-naħa l-oħra, jidher li r-rikorrent kien ħareġ somom akbar ta' madwar

[12] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

[13] Ara P.A. GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

sbatax-il elf lira Maltin (Lm 17,000) f'benefikati li l-intimata radditlu lura, u li tabilfors jixhdu li kien hemm risorsi oħrajn minbarra dawk imnissla mill-pensjoni;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrent fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

B) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli ġArt. 836(1)(f)ħ. Dwar din il-kawżali, ir-rikorrent itenni l-istess argument li ntuża għall-kawżali ta'qabilha. Jidher li, għal darb'oħra, ir-rikorrent m'huwiex juri li qiegħed jifhem x'għandu jirriżulta taħt din id-dispożizzjoni tal-liġi biex il-Qorti twaqqa' l-Mandat maħruġ kontih. Din il-Qorti diġa' stqarret li dan (jiġifieri, l-istħarriġ fil-mertu) ma jagħmilx biċċa mill-kriterji li fuqhom hija ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha fi proċedura bħal din: biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex mistħoqqa jew le, il-pretensjoni tar-raġonevolezza li l-Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ trid tirriżulta mingħajr ma ssir indaġni fil-mertu;

Illi biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-intimata eżekutanti m'għandha titħallas xejn, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx inġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[14]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimat eżekutat;

Illi lanqas m'għandu jintesa li, kif sewwa issottometta l-għaref difensur tal-intimata, r-rikorrent ma għandu f'Malta l-ebda ġid ieħor għajr il-flejjes sekwestrati. Kif xehed huwa nnifsu[15], huwa għadda minn żmien iebes finanzjarjament u kellu jagħmel spejjeż qawwija u jidħol f'self biex seta' jgħix diċentement. Fid-dawl ta' dawn iċ-

[14] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

[15] Xhieda tiegħu 15.6.2005, f'paġġ. 26-7 tal-proċess

ċirkostanzi, ma jidhirx li jista’ jingħad li m’huwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa’ fis-seħħ;

Illi, fuq dawn il-mottivi wkoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrenti ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi, naturalment, il-Mandat ta’ Sekwestru taħt eżami weġġa’ lir-rikorrent. Il-Qorti ma kenitx tistenna li jitressaq ir-rikors promotur kieku dan ma kienx il-każ. Dan il-fatt, waħdu, m’huwiex raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Il-bilanċ li l-Qorti trid tilħaq bejn il-jeddijiet tal-pretendent u tal-parti li kontra tagħha ssir il-pretensjoni, jrid jiġi meqjus fid-dawl li l-Mandat kawtelatorju huwa, min-natura tiegħu, protezzjoni bikrija maħsuba mil-liġi sakemm il-kwesjoni tiġi mistħarrġa kif imiss fil-mertu. Ma jrid jintesa qatt li l-għan tal-Mandat kawtelatorju huwa dak li “jiffriża” l-qagħda sakemm il-kwestjoni tiġi mistħarrġa kif għandu jkun fil-mertu;

Illi wieħed għandu jqis ukoll li, qabel daħlu fis-seħħ il-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995, ma kien mogħti l-ebda rimedju bħal dak mitlub illum mir-rikorrent għat-tneħħija ta’ Mandat, sakemm kien ikun ġie mistħarreġ il-mertu tal-kwestjoni;

Illi, minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinsa għal kollox li, sewwasew minħabba l-effetti drastiċi tal-Mandat, iseħħu konsegwenzi kultant serji li jħallu l-effetti tagħhom fuq il-parti intimata. Kemm hu hekk, il-Qorti tifhem sewwa li r-rikorrent qiegħed iġarrab ħsara kontinwa bil-Mandat fis-seħħ ma kull jum li jgħaddi. Din il-ħsara ma tistax madankollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha titfisser b’dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa’ fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f’dak il-Mandat tkun qegħda tbati;

Illi, madankollu, il-każ preżenti jqanqal kwestjoni ta’ siwi li jeħtieġ li tiġi mistħarrġa. Ir-rikorrent itenni li l-Mandat jolqot direttament il-jedd tat-tgawdija tiegħu għall-pensjoni. Intwera li wieħed mill-kontijiet milqutin bl-effetti tal-Mandat huwa sewwasew dak li fih ir-rikorrent jilqa’ kull erba’

ġimgħat il-pensjoni li tintbagħtlu mir-Renju Unit. Issa huwa prinċipju tal-liġi[16], li ma jistgħux jinħarġu Mandati ta' Sekwestru fuq benefiċċji soċjali tal-persuna eżekutata, jekk mhux fiċ-ċirkostanzi stretti msemmija fl-istess liġi[17]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, tali eċċezzjonijiet ma jeżistux, iżda lanqas jista' jingħad li l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi tapplika għall-każ. Dan jingħad għaliex l-artikolu ċitat jitkellem dwar pensjoni jew assistenza soċjali maħruġa mill-Gvern ta' Malta, filwaqt li l-pensjoni li jirċievi r-rikorrent hija maħruġa mill-Gvern Britanniku. L-għaref difensur tar-rikorrent jisħaq li, bi tħaddim tal-artikolu 12 tat-Trattat li Jistabilixxi l-Komunita' Ewropeja, m'għandha ssir l-ebda diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalita'. Dan il-prinċipju huwa mbagħad imsaħħaħ bl-artikolu 43 tal-istess Trattat. Fil-qasam ta' tgawdija ta' benefiċċji soċjali u l-ħarsien tagħhom dwar persuni li huma nazzjonali ta' Stat Membru li jgħixu u huma stabiliti fi Stat Membru ieħor, il-Qorti Ewropeja qieset dan l-aħħar imsemmi artikolu[18] bħala wieħed li jipprojbixxi t-teħid ta' miżuri nazzjonali li jagħtu jeddijiet liċ-ċittadini ta' Stat Membru li ma jkunux daqstantieħor disponibbli lil ċittadini ta' Stat Membru ieħor li jgħixu hemmhekk[19]. Bis-saħħa ta' dawn il-prinċipji ewlenin tad-Dritt Komunitarju li għandhom effett dirett f'Malta, il-Qorti tasal għall-fehma li għandha tfisser il-liġi bħala li tagħti lir-rikorrent l-istess jeddijiet li huwa kien ikun intitolat għalihom kieku l-pensjoni tiegħu kienet maħruġa mill-Gvern Malti. Huwa għalhekk li din il-Qorti sejra tipprovdi appożitament fid-dawl ta' dan il-fatt;

Illi bil-ħniena għandu għalfejn jingħad li jekk, minħabba l-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju, il-parti intimata ġġarrab ħsara u dannu, il-liġi nnifisha tagħti lil dik il-parti l-jedd li tressaq 'il quddiem azzjoni għad-danni kontra dik il-parti li tkun ħarġet il-Mandat[20];

Illi jifdal li tiġi mistħarrġa l-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimat eżekutant, kif mitluba mir-rikorrent. Hawnhekk

[16] Art. 381(1)(b) tal-Kap 12
[17] Art. 381(3) tal-Kap 12
[18] Li qabel kien l-artikolu 52
[19] Ara, per eżempju, ECJ **1988** fil-kawża ***Commission vs Italy*** (Case 63/86)
[20] Art. 836(9) tal-Kap 12

irid jingħad li l-Qorti tfisser l-applikazzjoni tal-artikolu partikolari tal-liġi bħala wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[21]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[22]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ[23], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex iħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tibda proċeduri għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;

---

[21] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***

[22] Ara P.A. GC **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***

[23] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

Illi, meta qieset iċ-ċirkosatanzi kollha tal-każ fuq livell ta' *prima facie*, il-Qorti tasal għall-fehma li ma hemmx lok għalfejn l-intimata tiġi ordnata tressaq garanzija għall-pretensjonijiet tagħha dwar il-Mandat. Ir-rimedju li sejra tagħti lir-rikorrent għal dak li jirrigwarda l-pensjoni tiegħu għandu jitqies bħala rimedju xieraq u prattiku għall-qagħda li jinsab fiha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent billi:

**Tiċħdu** kwantu talab it-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru in kwestjoni, **iżda qegħda tipprovdi billi tordna** lill-bank sekwestratarju Bank of Valletta p.l.c. biex iqis u jagħti effett li kull ammont perċepit mir-rikorrent bħala pensjoni dovuta lilu ma titqiesx bħala ġid li l-Mandat jorbot lill-istess sekwestrataju li jżomm f'idejh. Tordna wkoll lill-istess bank sekwestratarju biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex, bi spejjeż għar-rikorrent, il-fondi hekk perċepiti bħala pensjoni jiġu mgħoddijin lir-rikorrent bla ħsara għall-ordni msemmi fil-Mandat, li għandu jibqa' fis-seħħ;

**Tiċħad ukoll it-talba** għall-għoti min-naħa tal-intimata ta' garanzija għall-finijiet tal-artikolu 838A, billi ma jikkonkorrux iċ-ċirkostanzi għal ordni bħal dak.

L-**ispejjeż** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, id-29 ta' Lulju, 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------